**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Seduta tal-lum 24 ta' Lulju, 2020

Il-Pulizija
(Spettur Josef Gauci)

Vs

Abdussalam Elfitouri

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' Abdussalam Elfitouri, numru tal-Karta tal-identita' 72041A fejn ġie mixli talli nhar it-23 ta' Gunju 2020, f'xi hin bejn il-11:30hrs u 12:00hrs (nofsinhar), quddiem il-forn maghruf bhala 'Tax-Xiber', gewwa Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex u, jew fil-hinijiet ta' wara f'dawn il-Gzejjer:

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja hekk kif impost lilu nhar it-28 ta' Mejju 2020 minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D., **u dan bi ksur tal-artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma

jiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u dan ghad-detriment ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A, **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafama li persuna jew persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, **u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.**

4. U aktar talli inġurja jew hedded lil Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u **dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tqis lil Abdussalam Elfitouri bhal recidiv, b'sentenza jew sentenzi definittiva jew definittivi u li ma gietx jew gewx mibdula, **ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll **l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** ghas-sigurta tal-allegat vittma Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat jew reati, tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Abdussalam Elfitouri, kif ukoll tordna is-somma ta' hdax –il elf Ewro (€11,000)

bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, **u dan skont l-artikolu 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat id-dokumenti prodotti u semgħet il-provi imressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi l-kawza giet imhollija sabiex tinghata sentenza fl-udjenza tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

**l-Ewwel u t-tieni Imputazzjonijiet.**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta nghata l-helsien mill-arrest. L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta d-Digriet relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "JG4". Kundizzjoni numru tlieta (03) fid-Digriet torbot lill-akkuzat illi ma ghandux ikellem jew javvicina la direttament u lanqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti fliet b'reqqa il-filmat illi ittiehed mill-kamera tas-sigurta li tinsab fil-lok fejn iltaqghu l-akkuzat u Altabib u li gie ipprezentat mill-prosekuzzjoni. Dan il-filmat jipprovdi l-fatti kif sehhew. Jirrizulta li Altabib wasal l-ewwel fuq il-post. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li huwa mar hemm biex jixtri l-hobz. Altabib kien wiccu `l gewwa ihares ghal gol forn meta wasal l-akkuzat. Hu ma rahx lill-akkuzat. Dan ta l-ahhar wasal hdejn Altabib u jidher jitbaxxa sal-livell tas-*shorts* li kellu Altabib u jidher ukoll jaghmel mossa bhal meta wiehed jaghti s-salt biex jigbed xi haga. Hawnhekk Altabib jidher jaghti daqqa lill-akkuzat b'reazzjoni ghal moviment illi jidher illi ghamel l-akkuzat. Il-Qorti setghet tinnota li Altabib ta d-daqqa wara li l-akkuzat deher li ta is-salt u ghamel il-mossa f'daqqa ghallarrieda kif deskritta aktar il-fuq. Altabib jidher ukoll jirranga is-*shorts*.

Mill-filmat ukoll jidher li l-akkuzat kien qed jitkellem ma Altabib anke wara li dan xtara il-hobz. Il-Qorti setghet tinnota wkoll il-*body language* ta l-akkuzat li jidher li kien qed jikkommunika ma' Altabib.

Jirrizulta wkoll li meta Altabib kien fil-karozza u ser isuq l-akkuzat kien ghadu ghajnejh fuqu u kien qed isegwi fid-direzzjoni tal-vettura.

Dawn huma fatti li ma jistghux jigu michuda u nfatti id-difiza accettathom bhala stat ta fatt. Waqt it-trattazzjoni d-difiza ippruvat taghti l-gustifikazzjoni jew ir-raguni ghaliex l-akkuzat gab ruhu kif jidher fil-filmat. Din il-Qorti izda setghet mill-filmat tikkonstata minghajr ebda diffikulta li l-akkuzat kellu kull opportunita li jitlaq minn fuq il-post malli induna li Altabib kien jinsab hemm ukoll. Kif diga inghad Altabib lanqas kien induna li l-akkuzat kien gej warajh.

Barra minn hekk il-verzjoni ta' l-akkuzat li ma ndunax li l-persuna fid-dahla tal-forn kien Altabib ma tregix u hija kkontrastata mill-fatt li l-akkuzat malli wasal hdejn Altabib jidher car jinzel u jaghti s-salt lis-*shorts*. Ghal Qorti l-agir ta' l-akkuzat ma kien xejn ghajr provokazzjoni versu Altabib. Mill filmat huwa car illi l-akkuzat avvicina lil Altabib u dan bi ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest.

Di piu minbarra din l-kundizzjoni msemmija l-akkuzat kien ukoll obbligat illi ma jikkommunikax ma xhieda tal-prosekuzzjoni. Mill-provi u cioe mill-*call log* MC 2, a fol esebit minn Miriam Curmi ghas-socjeta Go plc izda jirrizulta li l-akkuzat cempel lil Altabib fuq il-mobile personali tieghu. Dan jikkostitwixxi ksur ta' kundizzjoni numru 3 ta' l-Kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest.

Rigward l-allegazzjoni sollevata mid-difiza li Altabib ma hux il-persuna li jghid li hu izda xi hadd iehor u ghalhekk l-akkuzat teknikament ma avvicinax lil Altabib, kif ukoll fil-konfront tad-dokumenti ipprezentati mill-akkuzat in sostenn ta din l-allegazzjoni, l-Qorti fl-ewwel lok tosserva li d-dokumenti esebiti ma humiex dokumenti li din il-Qorti tista tistrieh fuqhom ghal diversi ragunijiet. Jibda biex jinghad li ebda wiehed mid-dokumenti ma ghandu s-sigill ufficjali. Barra minn hekk jirrizulta li Altabib ghandu karta ta' l-identita Maltija, mahruga minn Identity Malta li hija entita Ufficjali u ghalhekk sakemm dik l-Entita Ufficjali Maltija ma

tirtirax jew tikkancella id-dokument mahrug minnha din il-Qorti tqis tali document bhala wiehed ufficjali li tista toqoghod fuqu. Barra minn hekk kundizzjoni numru 3 tirreferi ghal xhieda tal-prosekuzzjoni. Altabib huwa xhud tal-prosekuzzjoni u ghalhekk gia la darba huwa xhud l-argument tad-difiza ma jregix.

Ghaldawn ir-ragunijiet din il-Qorti tqis li l-akkuzat kiser kundizzjoni numru 3 tal-helsien mill-arrest u ghalhekk issibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Rigward it-tieni akkuza, kif gia inghad mill-filmat tal-kamera tas-sigurta l-akkuzat jidher li qed jaghti s-salt lis-*shorts* ta' Altabib, madankollu din il-Qorti setghet tinnota wkoll li meta wasal fuq il-post l-istess Altabib dan ix-*shorts* kien diga imcarrat sew. Fid-dawl ta' dan il-fatt ghalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma gabitx provi konvincenti li l-akkuzat gharraq ix-shorts aktar milli diga kien b'detriment ta Altabib. Ix-*shorts* kien jidher fi stat pietuz qabel wasal l-akkuzat. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-akkuzat ma giex ippruvata u ghalhekk ma ssibx lill-akkuzat hati ta din l-imputazzjoni.

**It-Tielet u r-raba Imputazzjonijiet.**

Mill-provi prodotti jirrizulta 'l hinn minn kull dubbju li l-akkuzat ikkommunika premezz tal-mobile max-xhud Altabib. Il-kontenut pero tal-kommunikazzjoni ma rrizultax mill-provi. Anzi mix-xhieda ta' l-akkuzat u ta Altabib jirrizultaw verzjonijiet konfliggenti. Tenut kont tax-xhieda u l-assjem tal-provi mressqa din il-Qorti tqis li anke fil-kaz ta din l-imputazzjoni, ma ngabux dawk il- provi sal-livell rikjest fil-kamp kriminali u ghalhekk ma ssibx lill-akkuzat hati ta dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Fir-rigward ta' l-addebita tar-recivida, il-Qorti tinnota li fl-akkuza il-prosekuzzjoni tirreferi ghas-sentenzi kemm fil-plural kif ukoll fis-singular ghax ma irrangatx il-paragrafu tar-recidiva skond dak meqjus mehtieg minnha. Barra minn hekk ebda kopja legali tas-sentenza jew addirittura s-sentenzi definittivi li ghalihom qed taghmel referenza il-Prosekuzzjoni ma gew pprezentati. Il-fedina

penali wahedha ma hix il-prova sal grad rikjesta mill-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis lill-akkuzat recediv.

**DECIDE.**

Li wara li rat l-Artikoli 325(1)(c), Art.339(1)(e) u Art.579 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Adbussalam Elfitouri, ssibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u issibu mhux ħati tat-tieni,t-tielet u r-raba imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena.

Il-Qorti qegħda tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Joseph Mifsud nhar it-28 ta' Mejju 2020 u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid. Inoltre tordna wkoll li s-somma ta' hdax -il elf euro (€11,000) mogħtija bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 (1), 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-*parte civile*, tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għall-perjodu ta' sena taħt penali ta` elfejn ewro (€2,000).

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur